MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1281/1997/1

**Alfred Mifsud**

**vs**

**Federica Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Frar 1982, kif jindika c-certifikat anness bhala dokument "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza' Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255;

Illi f'dan iz-zwieg kien hemm simulazzjoni tal-kunsens miz-zewg partijiet;

Illi fil-fatt il-partijiet izzewgu biss ghaliex kienet ser titwieled tarbija barra miz-zwieg – fil-fatt fil-25 ta' Settembru 1982 twieled lill-partijiet Karl Mifsud kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument 'B';

Illi l-partijiet meta zzewgu kellhom appena tmintax-il sena u kien u ilhom johorgu flimkien ftit il-fuq minn sena, pero` ma kellhomx hsieb li jizzewgu kieku ma kienetx gejja t-tarbija, fil-fatt l-arrangamenti tat-tieg kollha saru bl-ghaggla;

Illi fil-fatt it-tieni tarbija Shirley giet koncepita peress illi l-konvenuta qarrqet bl-attur, fil-fatt l-attur kien jara lil martu ftit mhux mohha fid-dar u l-familja u ghalhekk zgur li ma kienx irid tfal fil-fatt, sa minn qabel iz-zwieg l-attur kien iddecieda li ghalkemm kien ser jizzewweg ma riedx aktar tfal;

Illi minhabba dan kollu l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255;

Illi l-konvenuta kellha relazzjoni ukoll ma ragel iehor u mill-bidu taz-zwieg uriet inkonsistenza u nuqqas ta' tharis ta' dawk l-obbligi li jimponi z-zwieg fuq il-mizzewgin tant illi kienet hi li nsistiet li ssir is-separazzjoni u waqfet milli tkompli tiffrekwenta il-psikjatra kif kienet mitluba taghmel minn *Social Worker* fejn kien hadha l-attur biex isalva z-zwieg;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Artikolu 19 (1) (f) Kap 255;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghala m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Frar 1982 huwa null *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (a) (d) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Federica Mifsud tat-3 ta' Novembru 1998 a fol 11 fejn gie eccepit:

1. Illi l-konvenuta taqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi a termini tal-Att XXXVII tal-1975 izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 11 u 12 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Audrey Demicoli bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata dwar il-kaz in kwistjoni; tat-28 ta' Mejju 1999; tad-29 ta' Ottubru 1999; tal-5 t'April 2000; tat-23 ta' Mejju 2000.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Audrey Demicoli, il-provi hemm migbura, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Novembru 2000, tal-20 ta' Frar 2001, tad-19 ta' Settembru 2001, tad-9 ta' Jannar 2002, tas-27 ta' Marzu 2002, tat-13 ta' Gunju 2002 fejn

din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-28 ta' Ottubru 2002, tas-7 ta' Novembru 2002, tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn Dr Audrey Demicoli kkonfermat u halfet ir-rapport taghha, Dr Ray Zammit ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport u esebixxa kopja ta' sentenza finali u pozittiva tat-Tribunal Ekklezjastiku u talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Audrey Demicoli.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PROVI MIGBURA.

Illi **l-attur** xehed li hu u l-konvenuta kellhom tmintax (18) fil-sena meta zzewgu u kienu ilhom jafu lil xulxin ghal sena. Huwa kellu tfajla wahda biss qabel il-konvenuta u dan ghal xi hamest ijiem. L-attur jispjega li qabel ma saru jafu li l-konvenuta kienet harget tqila, huma qatt ma tkellmu fuq zwieg. Huwa qal ukoll li hu u l-konvenuta beda jkollhom relazzjonijiet intimi madwar sitt xhur wara li ltaqghu u spjega wkoll li huma ma kienu juzaw ebda prekawzjoni. L-attur jghid li *"r-relazzjoni tieghi mal-konvenuta kienet aktar fuq livell fiziku milli ta' sustanza. Ahna kellna ghaqal ta' tfal".* L-attur jghid li d-decizjoni sabiex jizzewgu ttiehdet esklussivament ghaliex il-konvenuta harget tqila u li huwa ried jipprova jwitti l-izball li kien ghamel. Oltre` dan il-fatt il-partijiet ma hadux in konsiderazzjoni affarijiet ohra u fi zmien xahar u nofs izzewgu. Dejjem skond l-attur ir-reazzjoni tal-genituri tal-konvenuta ghall-ahbar li l-istess konvenuta kienet harget tqila ma kienetx wahda tajba fis-sens li huma haduha bi kbira hafna u missier il-konvenuta kien ghajjat mal-attur u qallu li qatt ma kien jistenniha minnu. Il-genituri tal-attur ukoll widbuh u missieru ghamel zmien ma jkellmux. L-

attur jghid *“hadd ma fethilna ghajnejna dwar il-konsegwenzi taz-zwieg. Kulhadd accetta din bhala l-unika soluzzjoni”.*

Illi ftit qabel iz-zwieg il-partijiet kienu kellmu qassis izda l-attur jghid li dan kien staqsihom biss jekk kienux ihobbu lil xulxin. Huwa kompla jghid li kien bezghan dwar iz-zwieg u kien ihoss li l-anqas il-konvenuta ma kienet kuntenta. L-attur jghid ukoll li f’dak l-istadju huwa ddecieda li ma jkollomx aktar tfal, anki jekk huwa ma kkomunikax din id-decizjoni lill-konvenuta qabel iz-zwieg. *“Qabel iz-zwieg ma tantx kellna nahsbu dwar dawn l-affarijiet”.*

Illi fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-attur qal li t-tieni tarbija, Shirley, giet koncepita b’qerq *da parti* tal-konvenuta u dan peress li huwa ma xtaqx li jkollhom aktar tfal anki peress li kien jara lil martu mhux mohha fid-dar u fil-familja. L-attur jghid ukoll li dakinhar tat-tieg, filghodu, l-partijiet kellhom tilwima kbira u l-konvenuta keccietu l-barra mid-dar t’ommha u qaltlu li ma rieditx tizzewgu izda qabel ma lahaq telaq, omm il-konvenuta marret tigri warajh, u dan wara li tkellmet ma’ bintha u qaltlu li ma kien gara xejn u li kienu ser jarawh filghaxija.

Illi l-attur jispjega li l-problemi bejn il-partijiet bdew immedjatament wara z-zwieg. Huma ghamlu xahar jghixu ma omm l-attur u mbaghad marru jghixu ma’ omm il-konvenuta**.** *“Il-glied kien mill-bidu u kontinwu. Ahna ma konniex naqblu u fil-fatt il-konvenuta kienet tghidli li jekk jispicca s-sess bejnietna ma jkun fadal xejn”*. Il-partijiet damu jghixu ma’ omm l-attrici ghal madwar sitt xhur u mbaghad minhabba glied kienu jispiccaw jghixu daqqa ghand omm il-konvenuta u daqqa ghand omm l-attur sakemm fl-ahhar marru jghixu fid-dar taghhom.

Illi skond l-attur il-genituri tal-konvenuta kienu jikkrejawlha problemi minhabba l-fatt li l-attur ma kienx ta’ skola u missieru kien bidwi. *“Il-konvenuta kienet tghidli li l-genituri taghha kienu jghidulha li jien ta’ wara l-muntanji u li jiena ‘morto di fame’. Mistoqsi jekk dan iz-zwieg qatt hadimx nghid li minn minndu konna nohorgu flimkien gimgha tajjeb u tlieta hziena”*. L-attur jghid li qabel ma zzewgu u

qabel ma l-konvenuta harget tqila, precizament fl-ahhar tal-1981, l-konvenuta kienet hadet *‘overdose’* ta’ *valium* u giet rikoverata l-Isptar ghall-kura. *“Il-konvenuta kienet qaltli li hija kienet ghamlet hekk minhabba xi tilwim li kellha ma missierha. Jien kont naf li l-genituri taghha kienu jghidulha ‘the black sheep of the family’”.* Sena wara z-zwieg u xi ftit ta’ zmien wara li twieldet it-tarbija, il-konvenuta regghet hadet *‘overdose’* ta’ *valium* jghid l-attur *u “meta jiena staqsejtha ghaliex kienet regghet ghamlet hekk hi qaltli li riedet tara kif ser nirreagixxu jiena u l-familjari”*. L-attur jghid li kien hemm okkazjonijiet fejn il-konvenuta kienet issakkar lit-tifel ghal granet shah fil-kamra tieghu minghajr ebda raguni valida. Mistoqsi jekk il-konvenuta qatt kienetx taht il-kura ta’ psikjatra huwa rrisponda li fl-ahhar erba’ xhur qabel ma sseparaw, meta l-konvenuta kienet bdiet tohrog ma’ ragel iehor, huwa kien propona lil missierha li hija tittiehed jew ghand psikjatra jew ghal *‘counselling’* izda dan kien irrifjuta. L-attur jikkonkludi billi jghid li llum il-gurnata hu u l-konvenuta huma separati konsenswalment.

Illi **Mary Mifsud**, omm l-attur xehdet li hija saret taf li binha kien ser jizzewweg lill-konvenuta ghaliex kienet tqila, u dan saret tafu minghand il-Kappillan tal-Kuncizzjoni, u li qabel din id-data binha qatt ma kien semmielha li kien ser jizzewweg. Din ix-xhud spjegat li hi u zewgha haduha bi kbira hafna peress li l-attur kien ghadu zghir. Dejjem skond din ix-xhud il-konvenuta kienet marret ghandhom l-ewwel darba ftit taz-zmien biss qabel li saret taf li kienet harget tqila. Hija kienet tara lill-partijiet xi minn daqqiet jinhabbu u drabi ohra jiggieldu – *“il-konvenuta kienet tirrabja ghall-anqas haga”.* Din ix-xhud tghid ukoll li ftit taz-zmien qabel iz-zwieg il-konvenuta hadet ‘*overdose*’ u ttiehdet l-Isptar. Wara z-zwieg, meta l-partijiet kienu diga’ qed jghixu fid-dar taghhom il-konvenuta regghet hadet ‘*overdose*’ ta’ pilloli tghid Mary Mifsud. Omm l-attur tispjega li binha kien qalilha li hadu d-decizjoni li jizzewgu minhabba t-tarbija – *“Jien kont nara lill-partijiet ghaqal ta’ tfal, specjalment hi”*. Hija tghid ukoll li lill-genituri tal-konvenuta ftit li xejn kellmithom pero` mill-ftit li kellmithom indunat li kellhom ghagla sabiex izewguha u dan minhabba t-tarbija.

Illi omm l-attur tghid ukoll li wara z-zwieg il-partijiet kienu jghixu maghhom u kienet tarahom jitlewmu. Kien hemm okkazjoni fejn rat il binha bid-demm f'rasu wara li l-konvenuta kienet tatu daqqa ta' flixkun u dan kien biss ftit taz-zmien wara z-zwieg. Il-partijiet qabdu u telqu mid-dar tal-genturi tal-attur minghajr ma nfurmaw lill-istess genituri u minghajr ma taw raguni. Mary Mifsud tirrakkonta dwar incident meta kienu l-Gnejna u hija kienet qalet lill-konvenuta sabiex tisqi t-tifel, din tal-ahhar issuppervjat u telqet bil-mixi.

Illi **Therese Busuttil**, oht l-attur, xehdet li meta zzewgu l-partijiet u marru jghixu d-dar tal-genituri taghha, hija kienet ghadha tghix id-dar t'ommha. Din ix-xhud tghid li r-raguni l-ghala huha zzewweg kienet minhabba l-fatt li l-konvenuta harget tqila. Din ix-xhud kienet prezenti ghal glieda bejn il-partijiet ftit wara z-zwieg, hija semghet hafna storbju, rat lil huha bid-demm f'rasu u dan tal-ahhar spjegalha li l-konvenuta kienet taghtu daqqa ta' flixkun f'rasu. Oht l-attur tghid ukoll li l-konvenuta kienet tagixxi b'mod irragonevoli u bhala ezempju tirrakkonta dwar incident il-Gnejna fejn wara li omm l-attur kienet qaltilha biex tisqi t-tarbija ghaliex kellu l-guh, l-konvenuta qabdet u telqet mill-Gnejna bil-mixi u f'xemx taqli u halliet it-tifel warajha. Busuttil tispjega wkoll li meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu d-dar tal-genituri taghha l-konvenuta kien ikollha xi tghid ma hutha z-zghar dwar programmi fuq it-television. Hija tghid ukoll li ta' spiss kienet tara l-partijiet jiggieldu u li huma kienu jiggieldu tal-anqas tlieta jew erba' darbiet f'gimgha. Skond din ix-xhud il-partijiet qabdu u telqu mid-dar tal-genituri tal-istess attur minghajr ma nfurmaw lil hadd u minghajr ebda spjegazzjoni.

Illi oht l-attur qalet ukoll li l-konvenuta hadet '*overdose*' ta' pilloli darbtejn, darba qabel iz-zwieg u darba wara. Hija qalet ukoll li l-konvenuta kienet ta' spiss thalli lit-tifel ma' omm l-attur u li darba kienet qalet lil din tal-ahhar jekk rieditx izzommu.

Illi **l-konvenuta** xehdet permezz ta' affidavit u spjegat li hija bdiet tohrog mal-attur meta kellha hmistax-il sena u li

huwa kien l-ewwel namrat taghha. Fi Frar tal-1981 il-partijiet introducew lill-xulxin lill-genituri rispettivi u minn hemm il-quddiem l-attur ried ikollu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta tghid l-istess konvenuta li tispjega li ghalkemm hija ma xtaqitx taghmel dan, ikkonsentiet peress li kienet thobb lill-attur. Dejjem skond il-konvenuta, il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi ta' spiss hafna f'dak iz-zmien, mhux anqas minn erba' darbiet fil-gimgha u fis-Sajf tlett darbiet kuljum. Il-konvenuta tispjega li l-attur kien imur ghaliha kuljum wara l-iskola u li hija ghogbitha din l-attenzjoni kollha izda wara ndunat li l-attur kien interessat biss fl-aspett fiziku. Hija tghid ukoll li l-attur kien ikun gentili maghha biss meta kien irid ikollu x'jaqsam maghha. Dejjem skond il-konvenuta, l-attur kien ixxukjat meta hija qaltlu li kienet tqila u kien geghla taghmel ezercizzju fiziku u ggorr affarijiet tqal biex forsi tkorri. Hija tghid ukoll li tant kienet infatwata li kienet taghmel dak kollu li kien jghidilha izda *nonostante* kollox ma korrietx u ghalhekk kellhom jghidu lill-genituri rispettivi. Dawn tal-ahhar kienu qalulhom li kien ikun ahjar minhabba n-nies li jizzewgu, huma qablu u ttiehdet id-decizjoni li jizzewgu.

Illi wara z-zwieg tispjega l-konvenuta, l-partijiet kienu l-hin kollu jiggieldu peress li ma kellhomx id-dar taghhom u kienu jghixu mal-genituri tal-attur. Hija tghid li *"when we lived at Alfred's family's house it was hell. They never liked me and hated me for no significant reason. I was really innocent and blindly in love of Alfred".* Il-konvenuta tammetti li f'Dicembru tal-1998 hija hadet '*overdose*' ta' pilloli minhabba l-fatt li l-genituri taghha ma rieduhiex tkompli r-relazzjoni taghha mal-attur *stante* li huwa kien immatur u ma kellux skola. Hija tghid li din kienet l-unika okkazzjoni fejn hadet '*overdose*'. Hija tichad ukoll li tat daqqa ta' flixkun lill-attur u tghid li darba hija kellha frattura f'imnehirha li giet kawzata minn daqqa ta' ponn li taha l-attur. Dejjem skond il-konvenuta hija qatt ma wadbet xejn lejn l-attur meta huma kienu jiggieldu u skond hi kien hu l-attur li kien iwadbilha flixken, gebel u oggetti tal-metall u dan fil-presenza tal-attur.

Illi l-konvenuta tispjega li hija kienet issakkar lil binha Karl f'kamartu meta huwa kien qed jistudja ghall-ezami tal-

Junior Lyceum u tghid li kellha tirrikorri ghal din it-tip ta' dixxiplina minhabba l-fatt li kienet l-unika persuna responsabbli ghall-edukazzjoni tat-tifel peress li l-attur kien jirritorna d-dar tard. Hija tghid ukoll li hija bdiet issofri minn *'depression'* minhabba *"frequent verbal insults and bad behaviour of Alfred towards me. I was psychologically broken down which brought me to a depression….".*

Illi dwar l-incident tal-Gnejna l-konvenuta tghid li hija qabdet u telqet u halliet it-tarbija warajha ghaliex hut l-attur iz-zghar kienu qeghdin jinkuha billi jwadbulha r-ramel u peress li l-genituri tal-attur ma kienux qed iwaqfuhom, hija kienet kostretta li titlaq. Dakinhar, meta marret tigbor lit-tarbija hija tghid li omm u oht l-attur ma riedux ituhulha u kien l-gharus ta' oht l-attur li hataf it-tarbija u taha lill-konvenuta tghid din tal-ahhar*. "Thus one would see how weird Alfred's Family were"* tghid il-konvenuta. Hija tghid ukoll li kienet thalli t-tarbija ma' omm l-attur meta kien ikollha bzonn taghmel xi qadi u meta kienet taghmel '*spring cleaning'*.

## (B) <u>LIGI U GURISPRUDENZA</u>

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dijkarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha tghid li hija taqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' dawn is-sub-incizi tal-**Artikolu 19 (1)** izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet u jidhrilha li ma ngabux provi bizzejjed li jindikaw fuq bilanc ta' probabilitajiet li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-inciz (a) tal-artikolu 19 (1).**

Illi kif intqal aktar il-fuq, l-attur jippremetti fil-fatt li l-kunsens tieghu u tal-konvenuta nkiseb bi vjolenza (fizika jew morali) jew biza' dan il-*capus nullitatis* gie ezaminat diversi drabi mill-Qrati taghna. Fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut" (**P.A. 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. 3 ta' Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz in dizamina certament ma kienetx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza u effett. Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar**" (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehteg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss <u>akkompanjat</u> il-kunsens izda <u>iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens.</u> Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata <u>minhabba</u> l-biza' u mhux <u>minkejja</u> dik il-biza'".* (sottolinear tal-Qorti).

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-

data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' in dizamina jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'. Mill-kumpless tal-provi il-Qorti ma thossx li l-kontendenti ressqu ghaz-zwieg u taw il-kunsens taghhom minhabba xi biza' rresistibbli, li fil-kaz konkret ma hallitilhom ebda ghazla. Huwa veru li l-genituri tal-partijiet haduha bi kbira hafna meta saru jafu li l-konvenuta kienet harget tqila, u huwa anki veru li l-attur kien gie mwiddeb minn missier il-konvenuta w anki minn missieru li ghamel zmien ma jkellmux, izda din il-Qorti jidhrilha li b'daqshekk ma jistax jinghad li din il-biza' kienet tammonta ghal xi biza' rresistibbli li ddeterminat <u>kompletament</u> l-ghoti tal-kunsens tal-partijiet.

Illi l-Qorti bhal m'ghamlet il-brava Perit Legali ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-partijiet, b'mod partikolari x-xhieda tal-attur, dik ta' ommu, ta' ohtu, kif ukoll ix-xhieda tal-konvenuta, u hi tal-fehma li ghandha tikkoncentra fuq dak li jipprovdi l-**paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255**, u cioe` meta l-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghal kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Biex ikun hemm dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku jew kostituzzjonali, li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif fissret din l-Onorabbli Qorti f'diversi sentenzi (**"Isabelle Attard vs Stephen Attard**", (P.A. 21 ta' Novembru 1995), **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"**, (P.A. 20 ta' Mejju 1996) **"Sandro Sciberras vs Janet Briffa gja' Sciberras"**, (P.A. 16 ta' Jannar 1998)) dan id-difett ta' kunsens kif ravvizat fil-ligi taghna m'ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta` ta' karattru, jew ma decizjoni zbaljata. F'dan ir-rigward huwa ferm rilevanti dak li osservat il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) fejn intqal hekk:

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesises is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflwction that is proprtionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within".*

Illi kif jispjega l-gurista ***Bersini***:

*"la discrezione di giudizio consta di due elementi distinti ma concorrenti e indipendenti: la piena avvertenza e il deliberato consenso. Solo quando l'individuo e' capace della piena comprensione morale e giuridica dell'atto che compie e della perfetta liberta` di elezione e deliberazione nel volerlo e attuarlo si puo' dire che egli l'abbia posto con la piena avvertenza e il deliberato consenso, cioe` nel possesso della sufficiente discrezione di giudizio. (****Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994, p 97).***

Illi l-Qorti hija tal-fehma li in kwantu jirrigwarda l-kapacita` tal-konvenuta li tiddeciedi liberament, cioe` li jkollha l-kapacita` volittiva shiha rikjesta ghal finijiet tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, certament kien hemm difett serju fil-kunsens taghha. Il-konvenuta tidher li kellha certu nstabbilta` fil-karattru taghha fil-mument tal-ghoti tal-kunsens liema nstabbilta` ma ppermettitilhiex li tifhem u tapprezza l-importanza u l-konsegwenzi ta' dan l-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg. Din l-instabbilta` fil-karattru temergi mhux biss mill-eta` zghira tal-konvenuta izda anki mill-fatt li hija hadet *'overdose'* ta' pilloli semplicement ghaliex kien hemm certu rezistenza *da parti* tal-genituri taghha ghar-relazzjoni li hija kellha mal-attur. L-incident tal-Gnejna, fejn il-konvenuta qabdet u telqet u halliet it-tarbija warajha semplicement ghaliex zewgt itfal zghar, u cioe` hut l-attur,

kienu qed jinkuha u jwadbulha r-ramel, hija prova ohra lampanti tal-instabbilta` fil-karattru tal-istess konvenuta. Il-fatt li hija regghet hadet *'overdose'* ohra ftit wara li twieldet it-tarbija sabiex tara x'kienet ser tkun ir-rejazzjoni tal-attur u tal-familjari hija prova ohra ta' din l-instabbilta`.

Illi inoltre mill-provi jirrizulta ampjament li l-partijiet hadu d-decizjoni li jizzewgu esklussivament minhabba l-fatt li l-konvenuta harget tqila. Huma qatt ma kienu tkellmu jew hasbu biex jizzewgu qabel ma gara dan il-fatt. L-immaturita` taz-zewg partijiet temergi anki mill-fatt li huma bla hsieb ta' xejn kien ikollhom relazzjonijiet sesswali b'mod frekwenti minghajr ma jiehdu ebda prekawzjoni. Mix-xhieda taghhom jirrizulta li kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, ir-relazzjoni taghhom kienet ibbazata esklussivament fuq l-aspett sesswali u xejn aktar. Il-partijiet qatt ma rriflettew dwar id-dmirijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg u qatt ma hasbu dwar il-konsegwenzi tal-ghoti tal-kunsens taghhom. Fil-mument li hadu d-decizjoni li jizzewgu huma hassew li din kienet l-unika triq li kellhom. L-attur jghid li huwa kien bezghan hafna minn din id-decizjoni u li kien hass li anki l-konvenuta ma kinetx kuntenta. Minn dan kollu w anki minn provi ohra li gew elenkati fid-dettall aktar il-fuq f'din is-sentenza l-Qorti hi soddisfatta li minhabba instabbilita` fil-karattru tal-konvenuta hija ma kellhiex, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dik il-liberta` minn impulsi interni mehtiega sabiex jista' jinghad li hija setghet taghmel ghazla libera dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Fil-fehma tal-Qorti din il-mankanza ta' liberta` li tiddeciedi fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali kienet fi grad tali li r-rabta taz-zwieg ghandha tigi dikjarata nulla minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-konvenuta.

Illi l-istess jista' jinghad in kwantu jirrigwarda l-kunsens tal-attur *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li l-uniku raguni li l-attur wasal sabiex jaccetta li jizzewweg lill-konvenuta kien il-fatt biss illi l-istess konvenuta kienet harget tqila u ghalxejn izjed, u dan huwa wkoll rifless mill-komportament tieghu kemm qabel iz-zwieg u kemm wara z-zwieg minn fejn jirrizulta li huwa ma kellux fil-mument

tal-ghoti tal-kunsens tieghu il-kapacita` diskrezzjonali li jivvalwa l-kuncett taz-zwieg u d-dmirijiet u l-obbligi naxxenti mill-istess unjoni.  Fil-fatt jista' jinghad li din ma kienitx kwistjoni biss ta' semplici mmaturita` ta' parti jew ohra, w allura nkluza dik tal-attur, izda c-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom il-partijiet awmentata man-nuqqas ta' esperjenza tal-istess iwasslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li fl-istat li kienu u bil-biza' li kellhom fuqhom koncernanti t-tqala tal-konvenuta, l-istess partijiet kienu t-tnejn effetti minn difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fil-kunsens taghhom meta gew biex jaghtu l-kunsens taghhom ghal tali zwieg, u dan imur lil hinn minn semplici karattur mmatur. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **'Nicholas Agius vs Rita Agius nee' Caruana'** (P.A. 25 ta' Mejju 1995):

"*B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu".*

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati.  Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex*

*neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); u **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000).

Illi abbazi tal-provi prodotti jidher car kif fuq kollox diga nghad aktar il-fuq li l-partijiet li kieku ma kienitx ghat-tqala ma kienux jaccettaw li jizzewgu lill-xulxin u fl-ahjar ipotezi zgur ma kienux jaccettaw li jizzewgu lill-xulxin fil-mument li huma effettivament ghamlu dan. L-unika haga li ddetterminat il-kunsens tal-partijiet f'dan ir-rigward kienet biss l-imsemmija tqala mhux aspettata tal-istess konvenuta, ghalkemm mir-rakkonti ta' kull parti u peress li jidher li fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom prekawzjoni ma tantx hadu, ma jistax jinghad li tali tqala giet fuqhom habta w sabta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu m'hemmx dubbju illi kull parti eskludiet pozittivament elementi essenzjali tal-istess zwieg, tant li l-kuncetti ta' unjoni komunali, prokreazzjoni tal-ulied, u hajja riservata ghal xulxin gew kompletament eskluzi mill-istess partijiet fil-mument kruccjali ta' l-ghoti tal-kunsens taghhom, u dan hu rifless ukoll ta' kif qattghu il-hajja taghhom il-partijiet flimkien wara tali att li huma hassew li kellhom jaghmlu jew jghaddu minnu sforz u kawza tal-imsemmija tqala, u ghalhekk fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li hemm ukoll il-bazi li tali nullita` ta' zwieg tigi wkoll dikjarata abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu biss l-istess jistghu ikunu nkompatibbli ma dak hawn deciz **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Frar 1982 huwa null *ai termini* tal-**Art 19 (1) (d) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghall-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------